Sensiela Studji Soċjali (*fil-gazzetta TAGĦNA T-TFAL*)

**Artiklu Numru 3: IT-TAGĦLIM TAL-ISTUDJI SOĊJALI FIS-SNIN BIKRIN**

X'rilevanza għandu l-Istudji Soċjali għall-istudenti tas-Snin Bikrin (l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Sena tal-Primarja)? Kif iħarsu lejn it-tagħlim tal-Istudji Soċjali, il-ġenituri u l-għalliema tal-istudenti li jattendu dawn l-ewwel snin tal-primarja?

**Mira ta' Tagħlim 2.3.4 (it-Tieni Sena Primarja):**

...... Permezz ta' sorsi viżwali l-istudenti jippruvaw jimmaġinaw kif kienet tkun il-ġurnata fl-iskola ......

M'hemmx dubju li t-tfal, minn età tassew bikrija jibdew jinteressaw ruħhom ħafna dwar il-passat, speċjalment il-passat tan-nies importanti li jkollhom f'ħajjithom bħalma huma l-ġenituri, iz-zijiet, in-nanniet u l-qraba tagħhom. Tisma' lit-tfal jirriflettu u jistaqsu:

- In-nannu fejn kien imur skola? X'suġġetti kien jitgħallem? L-iskola kienet bilfors? Kemm kienet iddum l-iskola?
- Ommi x'logħob kienet tħobb tilgħab fi tfulitha?
- In-nanna tiftakarha l-gwerra? Batiet xejn fil-gwerra? Ġieli kienet se tintlaqat minn si balla? Fil-gwerra, it-tfal kienu jmorru skola?



Il-mira ta' tagħlim li qed naraw fil-kapxin temfasizza l-importanza tas-sorsi viżwali fit-tagħlim. M'hemm dubju li ritratti antiki, imqabbla ma' ritratti mill-ħajja tat-tfal stess, jaffaxxinaw u jixegħlu l-immaġinazzjoni tal-istudenti. Nieħdu bħala eżempju ritratt ta' dan il-bank antik tal-iskola; ibqa' ċert li meta jarawh, l-istudenti jibbumbardjawk b'elf mistoqsija u kumment.

- Kemm kienu joqogħdu tfal fuqu?
- Kienu joqogħdu komdi fuqu, jew kienu jgħajjew?
- X'inhu l-aħjar, mejda għalija waħdi, jew bank bil-post għal żewġ studenti?
- Bank bħal dan jgħinek tagħmel ħbieb?

Xi suġġetti (topiks) li jsir xogħol dwarhom fis-snin bikrin huma:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Trasport | Ħwejjeġ | Djar | Ħwienet |
| Skejjel | Ikel | Vaganzi | Ġugarelli |

M'hemmx dubju li temi bħal dawn huma mill-iktar interessanti. L-Istudji Soċjali huwa maħsub biex jgħin lill-istudenti jindunaw bir-relazzjoni tagħhom mal-ambjent fiżiku u uman ta' madwarhom. L-istudenti jibdew jirrealizzaw li l-ambjent ta' madwarhom ma kienx dejjem l-istess, inbidel. Meta n-nanniet tagħhom kienu żgħar, mhux kulħadd kien imur l-iskola; dawk li kienu jmorru l-iskola kienu jsibu ambjent ferm differenti minn dak tal-lum.

M'HEMMX DUBJU LI L-ISTUDJI SOĊJALI, META MGĦALLEM BIL-KREATTIVITÀ, JAFFAXXINA MHUX BISS LIŻ-ŻGĦAR IMMA ANKE LILL-KBAR!

*Tony Pace*
Uffiċjal Edukattiv tal-Primarja
(għal iktar tagħrif dwar l-Istudji Soċjali idħol fil-blog: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt